**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001**

**Numru 6**

**Avviz. numru 1843/00JR**

**Lantana Development Co. Ltd.**

**vs**

**Clive Tonna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija tmienja u erbghin lira Maltija hamsa u disghin centezmu (Lm148.95), dovuta lis-socjeta` attrici da parti tal-konvenut rappresentanti sehem ta' l-ispejjez ta' manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-blokk t'appartamenti maghrufa bhala St. Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-16 ta' Frar, 2000, u tat-2 t'Awissu, 2000, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2001, deher il-konvenut u kkontesta t-talba stante pagament.**

**Semgha x-xhieda ta' Clive Tonna, Amadeo Cuschieri. Ra l-affidavits ta' Benny Edwards u Emanuel Mifsud. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi ma hux kontestat li l-ammont hu dovut ghall-hlas ta' manutenzjoni, u l-eccezzjoni tirrigwarda il-pagament.**
2. **Mix-xhieda tal-konvenut, dana tassew jghid li hallas l-ammont in kwistjoni, u esebixxa fotokopji ta' ittra datata 4 t'Ottubru, 2000, u ta' cekk fl-ammont mitlub allegatament mahrug fl-istess data.**
3. **Ma jirrizultax jekk dan ic-cekk fil-fatt qattx issarraf. Lanqas ma jirrizulta li wasal ghand is-socjeta` attrici kif jallega l-konvenut. Ghalhekk l-eccezzjoni sollevata ma treggix.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija tmienja u erbghin lira Maltija hamsa u disghin centezmu (Lm148.95) bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Novembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittri legali tas-16 ta' Frar, 2000, u tat-2 t'Awissu, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**